31988D0598

30.11.1988 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 327/57

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
## tal-21 ta' Novembru 1988
## dwar il-konklużjoni ta' Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim ta' Koperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Għarbija Sirjana

(88/598/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 238 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-qbil tal-Parlament Ewropew [1],

Billi l-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim ta' Koperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Għarbija Sirjana [2], iffirmat fi Brussel fit-18 ta' Jannar 1977, għandu jiġi approvat,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim ta' Koperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Għarbija tas-Sirja qiegħed b'dan jiġi approvat għan-nom tal-Komunità.

It-test tal-Protokoll huma mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill għandu jagħti n-notifikazzjoni pprovduta fl-Artikolu 5 tal-Protokoll [3].

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum li jiġi wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffċċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmula fi Brussell, fil-21 ta' Novembru 1988.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

Th. PANGALOS

---

(1) ĠU C 290, ta' l-14.11.1988.

(2) ĠU L 269, tas-27.9.1978, pġ. 2.

(3) Ara p. 64 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.